# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1230

KAZ NRU. 1553

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Dr. Guido Saliba

u

Voice of the Mediterranean

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 24 t'Ottubru, 2001

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

Wara li t-Tribunal ikkunsidra s-sottomissjoni tas-Socjeta' dwar is-sindakabbilta' tieghu f'dan il-kaz peress li l-appellant huwa ta' eta akbar mill-eta tal-irtirar mix-xoghol, cioe' 61 sena, u wara li ezamina l-ligijiet relattivi dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol cioe' il-*Conditions of Employment Regulations Act* u l-*Industrial Relations Act*, kif ukoll il-*Wage Regulation Orders* u l-Att dwar is-Sigurta' Socjali Kap. 318 isib li ghalkemm l-ewwel zewg ligijiet imsemmija aktar 'il fuq huma siekta dwar l-ingaggar u/jew impjieg wara l-eta ta' 61 sena, u waqt li l-*Wage Regulation Order* tispecifika li l-impjegat ghandu d-dritt li *"at least"* jibqa

fl-impjieg sal-eta ta' 61 sena, it-Tribunal jidhirlu li din il-kundizzjoni hija subordinata mill-Att dwar is-Sigurta' Socjali li tippermetti f'diversi sub-artikli taghha li l-impjegat li jkun lahaq l-eta ta' 61 sena jista' anke jekk ikun pensjonant jkun jista' jahdem wara l-eta ta' 61 sena.

In oltre wiehed irid ukoll ma jinsiex u jassumi li s-Socjeta' kienet konxja meta mpjegat lill-appellant li dan kien ta' eta' akbar minn 61 sena.

Ghall-dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal Industrijali jirrespingi l-eccezzjoni tas-Socjeta' u jghaddi biex jittratta mill-meriti tal-kaz.

---------------------
**Carmel Debono**
**Chairman**

-----------------
**Monica Seychell**
**A/SEGRETARJA**